MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANNA FELICE

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2014

Citazzjoni Numru. 232/2014

**HSBC Bank Malta plc (C3177)**

**vs**

**Andrew Calleja u Frances Calleja**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat ta' HSBC Bank Malta p.l.c. fl-20 ta' Marzu 2014 fejn illi:

Din il-kawza qeghda ssir sabiex jigi rkuprat kreditu iktar 'l isfel spjegat illi l-Bank attur ghandu kontra l-konvenuti in solidum, dovut hala rifuzjoni ta' kapital u imghax misluf lill-konvenuti b'att notarili tan-Nutar Dottor Mario Bugeja tas-7 ta' Settembru 2001 hawn ezibit u markat bhala dokument "A".

Permezz ta' l-imsemmi kuntratt, il-bank attur kien ta' facilità ta' self "Small Medium Enterprise Loan" liz-zewg konvenuti ghas-somma originali ta' ghaxart elef Lira (Lm10,000) illum tlieta w ghoxrin elf mitejn u erba' w disghin euro (€23,294). Illi l-bilanc dovut fuq il-kapital sal-10 ta' Jannar 2014 kien ta' tlettax-il elf tliet mija w tnejn u tmenin euro u sittin centezmu (€13,382.60) filwaqt li l-imghax li lahaq akkumula mill-bidu tal-ghoti tas-self sal-10 ta' Jannar 2014 kien ilahhaq is-somma ta' sebat elef u zewg euro u tmienja w sebghin centezmu (€7,002.78) u dan skond kif ahjar spjegat fil-prospett hawn esebit u markat bhala dokument "B".

It-talbiet infraskritti qeghdin isiru ghaliex gja fid-9 t'Awwissu 2008 il-bank attur kien interpella lill-konvenuti ghall-hlas tal-bilanc dak iz-zmien dovut permezz ta' ittra ufficcjali hawn esibita w markata bhala dokument "C" u li ghaliha il-konvenut ma wegibx izda il-konvenuta wiegbet vagament illi ma taqbilx mal-ammont mitlub fl-ittra. Illi dana nonostante illi fl-imsemmi kuntratt hemm il-klawzola *"subject to the overriding condition that the outstanding balance of loan and interest accruing thereon shall be repayable on demand, a simple request in writing to be deemed good and sufficient notice to the customers to implement their engagements fortwith"*.

Minn dan ghandu jirrizulta illi l-bank attur ghandu d-dritt illi jazzjona lill-konvenuti in solidum ghall-hlas lilhu spettanti kif hawn fuq spjegat.

Talbu ghalhekk biex din il-Qorti:

1. Tiddikjara illi l-konvenuti in solidum bejniethom huma debituri tal-bank attur fis-somma ta’ tlettax-il elf tliet mija w tnejn u tmenin euro u sittin centezmu (€13,382.60) bhala bilanc ta’ kapital misluf kif ukoll flimkien mal-imghax li lahaq akkumula mill-bidu tal-ghoti tas-self sal-10 ta’ Jannar 2014 fis-somma ta’ sebat elef u zewg euro u tmienja w sebghin centezmu (€7,002.78); bl-imghax legali fuq il-kapital hawn imsemmi mill-11 ta’ Jannar 2014, sal-effetiv hlas;

2. Tikkundannahom li jhallsu s-somma fuq imsemmija bl-imghax imsemmi sal-effettiv hlas; bl-ispejjez kollha nkluzi dawk tal-ittra ufficjali hawn imsemmija kontra l-konvenuti li jibqghu ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota guramentata ta’ Frances Calleja li permezz taghha hija:

(i) Taghti ruhha b’notifikata bir-rikors promotur u bl-avviz tas-smiegh;
(ii) Qed tammetti t-talbiet tas-socjetà attrici, b’dan li qed tirrizerva d-dritt ta’ rivalsa taghha fil-konfront tal-konvenut Andrew Calleja (I.D. 300762M) ai termini tas-sentenza moghtija mill-Qorti Civili, Sezzjoni Familja fil-25 ta’ Gunju, 2009 fl-ismijiet: **Frances sive Franca Calleja vs Andrew Calleja** [Citazzjoni numru 28/04 NC] stante li skond it-termini ta’ din is-sentenza, l-ammont dovut lis-

socjetà attrici huwa ghal karigu tal-konvenut Andrew Calleja.

Semghet lix-xhud.

Ikkunsidrat illi mid-dokumenti prodotti u xhieda mismugha, l-Bank rikorrenti ssodisfa l-vot tal-ligi sal-grad rikjest illi t-talbiet tieghu huma gustifikati u jisthoqqilhom li jintlaqghu.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet ta' HSBC Bank Malta p.l.c. kif dedotti fir-rikors promotur, bl-ispejjez u imghax kif mitlub.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-intimati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------